# 140 sena mill-wasla ta' l-istatwa tal-Lunzjata

*Silvio Cassar*

Maż-żminijiet jinbidlu! Imma ħaġa li l-Balżanin sa minn dejjem ħabbew kienet il-Knisja Parrokkjali. U l-aktar ħaġa għażiża li għandhom għal qalbhom il-Balzanin fl-istess Knisja Parrokkjali hija bla dubju l-istatwa artistika u devota ta' Marija Annunzjata. Din is-sena taħbat il-140 sena mill-wasla ta' l-istatwa tal-Lunżjata – Patruna tal-Balzanin.

Kienu ħafna l-bliet u rħula li beda jkollhom statwi titulari magħmula minn skulturi Maltin jew mixtrija mingħand xi ditta Ewropea stabbilita. U hekk ġara l-istess fil-każ ta' Ħal Balzan. Fl-1868, fiż-żmien li l-Parroċċa kienet taħt il-Kappillan Dun Lucinju Micallef (1855-1874), Pasquale Muscat u Mario Borg, f'isem l-abitanti tar-raħal, talbu lill-Isqof ta' dak iż-żmien Mons. Gaetano Pace Forno ħalli jkunu jistgħu jordnaw statwa tal-Lunzjata skond mudell approvat minnu stess. L-iskultur li ntgħażel għal dan ix-xogħol kien Mastru Salv Dimech mill-Mosta, imlaqqam is-Sartx (il-laqam miktub oriġinarjament).

Mastru Salv wera għaqal u ħila kbir meta fl-injam naqqax żewġ figuri li jirrappreżentaw it-taħbira ta' l-Arkanġlu Gabriel f'pożizzjoni wieqfa u dominanti jsellem lil Marija u jfissrilha l-messaġġ fdat lilu mill-Ħallieq. Imbagħad, għarkubtejha fuq banketta li m'hemmx fejn isserraħ, insibu lil Marija donnha fommha lest biex jgħid, "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek." Jifred dawn iż-żewġ persunaġġi, l-istatwarju ħoloq vażun b'bukkett fjuri li llum jinsab fil-Kor. Jgħaqqad kollox hemm pedestall li fl-1930 (62 sena wara), fi żmien il-Kappillan Dun Franġisk S. Zahra meta sar żgraffikar mill-ġdid ta' l-istatwa, il-bukkett sar banketta, il-ġwienaħ ta' l-Arkanġlu tkabbru u l-pedestall kien addattat aktar għaż-żminijiet. Fl-1990, l-istatwa kienet restawrata mill-induratur Horace Farrugia tar-Rabat, Malta. Nota importanti li ħarġet minn dan ir-restawr li l-istatwa ntiżnet; fil-fatt it-toqol ta' l-istatwa tal-Lunzjata nstab li hu 546kg.

U dan hu l-ewwel argument li nixtieq naqsam mal-qarrejja ta' din ir-rivista. Kienet ħaġa għaqlija li l-istatwa tal-Lunzjata jsirilha tibdil? Iva ngħid, għax f'din l-opra li għandna naraw statwa artistikament ta' l-livell għoli ħafna li juri l-kobor ta' l-iskultur Malti. Il-pedestall u l-induratura jkomplu jagħmlu l-istatwa ferm rikka fil-ġżejjer Maltin. Kritiċi oħrajn jgħidu li l-istatwa tal-Lunzjata, wara x-xogħol li sar fuqha fl-1930, tilfet l-oriġinalità tagħha bit-tibdil li sarilha.

Tajjeb li ngħidu xi ħaġa dwar Mastru Salv Dimech. Dan twieled fis-27 ta' Frar 1805 minn Giovanni Dimech u Antonia Agius, miet fl-età ta' 81 sena fis-16 ta' Ottubru 1886, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija. Dimech ħadem diversi opri oħra, fosthom l-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Mosta, u kellu sehem importanti, flimkien ma' Sigismondu Dimech, fl-istatwa ta' San Pawl li tiddomina l-Gżejjer ta' San Pawl. Din opra ta' kobor enormi: fil-fatt l-għoli tagħha hu madwar 4m. Tajjeb li ngħidu li Mastru Salv kien alljev ta' Sigismondu Dimech (1780 – 1853), l-istess skultur li sebbaħ iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tagħna bl-istatwi ta' l-Arkanġlu Gabriel u ta' Marija. Jingħad li ma kellhom l-ebda parentela Sigismondu Dimech u l-istess Mastru Salv Dimech. Dimech ħadem fil-ġebel u diversi statwi jinsabu jsebbħu l-lokalitajiet tagħna bħal San Elija quddiem il-Kunvent tat-Tereżjani f'Bormla, l-istatwa ta' San Pawl f'Ħal Lija u l-istatwa ta' San Girgor fiż-Żejtun.

Ħajjet Mastru Salv kienet fil-Mosta, sakemm iżżewweġ lil Marija Agius li mietet wara 21 sena miżżewġin. Permezz tat-tieni żwieġ Dimech iżżewweġ lil Katerina Fenech u baqa' joqgħod Ħal Lija. Jingħad li Dimech kien bin il-bdiewa u qatta' ż-żgħożija jirgħa n-nagħaġ f'Wied l-Isperanza, wied viċin id-dar fejn kien joqgħod. Fil-fatt, maddar fejn għex il-Mosta hemm lapida li tfakkar lil dan l-iskultur hekk ta' talent u bravu. Kien għaqli li l-istess triq fejn għex Mastru Salv issemmiet għalih ukoll.

Nistgħu nimmaġinaw x'entużjażmu kellu r-raħal ta Ħal Balzan propru fil-jum li mir-Rabat (mingħand l-induratur) kellha tasal l-istatwa titulari tal-Lunzjata. Min jaf 140 sena ilu x'ħerqa kellhom il-Balzanin sabiex jaraw dan il-kapolavur ta' Dimech! Il-Kappillan Micallef ta merħba f'isem il-poplu Balzani lill-istatwa tal-Lunzjata. Minkejja li m'hemm l-ebda data eżatta ta' meta l-istatwa waslet Ħal Balzan, jingħad li l-ġurnata kienet qrib sewwa tal-festa liturġika tal-25 ta' Marzu, eżattament meta kienet issir il-festa dak iż-żmien. L-istatwa waslet Ħal Balzan akkumpanjata mill-Banda Ċittadina Rabtija, L'Isle Adam.



Il-Lunzjata originali ta' MastruSalvatore Dimech 140 sena ilu

Tajjeb ukoll li nsemmu li kienu saru festi sbieħ fi żmien il-Parrokat tal-Kappillan il-Kan. Dun Karm Sciberras (1954-1981) f'għeluq l-ewwel ċentinarju mill-wasla ta' l-istatwa titulari tal-Lunzjata fl-1968. Dan l-avveniment speċjali laħaq il-qofol tiegħu meta l-poplu Balzani mexa quddiem l-istatwa bix-xama' f'idejh waqt purċissjoni speċjali li saret fit-toroq tar-raħal.

Avveniment ieħor sabiħ kien fis-sena 2000, il-bidu tal-Millennju, meta nhar il-festa liturġika, fil-25 ta' Marzu, l-istatwa tal-Lunzjata ħarġet proċessjonalment b'dawra kbira madwar diversi toroq fil-periferiji tar-raħal u kienu diversi rġiel li taw sehemhom fl-irfigħ tagħha.

X'dehra dik tal-Knisja Parrokkjali armata għall-festa bl-istatwa tal-Lunzjata fuq in-naħa tal-lemin ta' l-artal maġġur tiddomina fuq kollox! X'entużjażmu hekk kif l-istatwa tal-Lunzjata fi nżul ix-xemx fit-tieni Ħadd ta' Lulju tfeġġ bil-mod il-mod u b'pass meqjus fil-bieb ewlieni tal-Knisja Parrokkjali! X'mument dak hekk kif mad-daqq ta' l-aħħar noti ta' l-Ave Maria, l-istatwa terġa' tidħol fil-Knisja Parrokkjali dedikata lilha!

Iva! Il-kapolavur ta' Mastru Salv Dimech jinsab minqux f'qalbna l-Balzanin. ❒

NB. Ħafna artikolisti jiktbu l-laqam ta' Mastru Salv Dimech bhala 'IS-SARĊ' iżda l-Kav. Rafel Bonnici Calì jikteb il-laqam tiegħu 'IS-SARTX'.

Referenzi

Dun Ġwann Dimech Ħal Balzan – Ġrajjietu sa l-1999. pġ 148-150.
Dr John Debono – Leħen il-Parroċċa ta' Ħal Balzan – Lulju 2006 pġ 4–6.